DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI
DIPARTIMENT TA' L-OPERAT
Telephone 21 226389

MALTA

EDUCATION DIVISION
DEPARTMENT OF OPERATIONS
Fax 25982119

# LETTER CIRCULAR

**Information**: ✓ **Action Required**: ✓

**Ref**: **OPS/05/2007**

**Mid:** **Direttur ta' l-Operat**

**Lill**: **Kapijiet ta' l-Iskejjel Statali u Sezzjonijiet**

**Suġġett:** **Skejjel li se jintużaw bħala Post tal-Votazzjoni**

**Data:** **17 ta' Jannar 2007**

---

**Elezzjoni għall-Kunsilli Lokali, Marzu 2007 – Struzzjonijiet**

**Il-kapijiet ta' dawk l-iskejjel li se jintużaw bħala post tal-votazzjoni f'jum l-elezzjoni, is-Sibt 10 ta' Marzu, 2007, huma mitlubin li jsegwu bir-reqqa l-istruzzjonijiet li hawn f'din iċ-ċirkulari.**

1. <u>Kmamar tal-Votazzjoni</u>

1.1 (a) L-għamara fil-klassijiet li se jintużaw bħala kmamar tal-votazzjoni għandha titressaq fil-ġenb b'tali mod li tħalli aċċess għall-*cubicles* u spazju biżżejjed għal fejn joqogħdu l-Assistenti Kummissjonarji. Stampi, charts eċċ. m'hemmx għalfejn jinqalgħu minn mal-ħitan. Il-computers, li hemm f'dawn il-klassjiet,iridu jibqgħu f'posthom. Ser jingħataw struzzjonijiet stretti lill-Assistanti Kummisjonarji biex ikunu responsabbli li dawn il-computers ma jintmissux.

1.2 F'kull kamra tal-votazzjoni għandha titqiegħed din l-għamara għall-bzonnijiet ta' l-Assistenti Kummissjonarji

(a) Żewġ imwejjed kbar u seba' (7) siġġijiet, jew, seba' mwejjed ta' l-istudenti (YR6) u seba' siġġijiet.

(b) Siġġu wieħed f'kull *cubicle*.

1.3 (a) Ix-xogħol imsemmi hawn fuq (1.1, 1.2) għandu jsir mill-purtinari kollha wara li tispiċċa l-iskola nhar il-Ġimgħa 9 ta' Marzu, 2007.

(b) Il-kapijiet għandhom jagħmlu arranġamenti nterni biex il-klassijiet jerġgħu jintramaw sa nhar it-Tnejn 12 ta' Marzu, 2007. Jekk ikun hemm il-ħtieġa, l-purtinara jistgħu jidħlu jagħmlu dan ix-xogħol il-Ħadd 11 ta' Marzu.

1.4 Fejn hemm il-possibilitá li xi ħadd jista jittawwal għal ġewwa f'xi kamra jew kmamar tal-votazzjoni, iridu jiddendlu purtieri jew inkella l-ħġieġ ta' dawn il-kmamar (bibien u twieqi) għandhom jinksew sewwa b'mod li din il-possibilitá titneħħa għal kollox. Għal dan il-għan jistgħu jintużaw *brown paper* jew karti oħra simili.

1.5 **Għandu jkun pprovdut uffiċċju għall-użu tal–*Locality Officer* f'kull skola jew kumpless ta' skejjel.**

## 2. Dmirijiet u Ħlas tal-Purtinari

2.1 Jista' jkun hemm il-ħtieġa li wieħed mill-purtinari jkollu jibqa' l-iskola wara l-ħin normali qabel l-elezzjoni biex ħaddiema mill-Uffiċċju Elettorali jiġu jarmaw il-*cublcles*. F'dan il-każ intom tiġu nfurmati bid-data mis-Sur Charles Pulis, uffiċċjal mill-Uffiċċju Elettorali.

2.2 Kif semmejt f'paragrafu 1.3, il-purtinari kollha jridu jagħmlu dan ix-xogħol. Huwa wkoll meħtieġ li fl-istess jum, jiġifieri fid- 9 ta' Marzu, wieħed mill-purtinari jibqa' fl-iskola sakemm il-ħaddiema tal-Maltacom jiġu jinstallaw it-telefons u **jaslu l-kaxxi tal-voti mill-Kummissjoni Elettorali**.

2.3 Fl-10 ta' Marzu 2007, nhar l-elezzjoni, purtinar wieħed, jeħtieġ li jkun preżenti fl-iskola bejn is-sitta ta' filgħodu (6:00a.m.), sakemm jittieħdu t-telefons mill-ħaddiema tal-Maltacom wara li tkun spiċċat il-votazzjoni fis-sebgħa ta' fil-għaxija. Dan ix-xogħol jista' jinqasam bejn għadd ta' purtinari. Rekord ta' l-attendenza għandu jinżamm mill-awtoritajiet ta' l-iskola.

2.4 Il-persuna li tkun għassa meta jiġu l-ħaddiema tal-Maltacom biex jaqilgħu s-settijiet tat-telefon għandha titlob l-firma ta' dawn il-ħaddiema fuq il-formoli provduti ma' din iċ-ċirkulari. Il-formoli mimlija għandhom jingħataw lill-kap ta' l-iskola.

2.5 Ix-xogħol kollu tal-purtinari li hu marbut ma' l-elezzjoni u li jsir wara l-ħin normali tax-xogħol jitħallas bir-rata ta' l-overtime mill-Kummissjoni Elettorali. Għalhekk, il-kapijiet ta' dawn l-iskejjel huma ġentilment mitluba li, mill-aktar fis wara l-elezzjoni, jibagħtu l-formoli li hawn ma' din iċ-ċirkolari, mimlijiin kif meħtieġ, **lis-Sinjura Marvic Livori, Liaison Officer, Kamra 224, Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, Floriana.**

**2.6 L-isem u n-numru tal-karta ta' l-identitá ta' kull min se jkun xogħol fl-iskola nhar l-10 ta' Marzu, 2007 għandhom jintbagħatu ukoll <u>lis-Sinjura Marvic Livori</u>, mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar, 2007.**

2.7 Fl-iskejjel fejn hemm *watchman*, dan m'għandux għalfejn jidħol għax-xogħol fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Marzu. Il-watchman li jkun xogħol fil-lejl bejn l-10 u l-11 ta' Marzu għandu jidħol fis-7:00 ta' filgħaxija tal-10 ta' Marzu 2007.

## 3. Iċ-Ċwievet ta' l-iskola

3.1 Iċ-ċwievet ta' l-iskola jridu jingħataw lill-pulizija li jkun fl-iskola għassa ma' l-istrong room, nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Marzu, 2007.

3.2 Maċ-ċwievet ta' l-iskola jrid ikun hemm ukoll iċ-ċwievet ta *l-istong room*, tal-kmamar tal-votazzjoni, tal-kmamar/*cabinets* fejn hemm *il-Main Switches* ta' l-elettriku u l-mains ta' l-ilma, tat-toilets u ta' xi kmamar oħra li se jintużasw f'jum il-votazzjoni. Il-pulizija li jiġbor dawn iċ-ċwievet għandu jiffima l-formola provduta ma' din iċ-ċirkolari.

3.3 Iċ-ċwievet kollha għandhom jinġabru mill-purtinar li jkun għassa nhar l-10 ta' Marzu, wara li tispiċċa l-votazzjoni u jittieħdu l-kaxxi tal-voti.

## 4 Struzzjonijiet oħra

4.1 It-*toilets* li se jkunu għall-użu ta' l-Assistenti Kummissjonarji jrid ikun fihom il-bżonnijiet kollha u jkunu mmarkati sew għan-nisa kif ukoll għall-irġiel.

4.2 Għalkemm il-ħaddiema tal-Maintenance Unit (Technical Services Branch) se jkunu daru d-dawl ta' fejn se ssir il-votazzjoni, il-kapijiet huma mitluba li jinfurmaw lis-Sinjura Marvic Livori, jekk jerġa' jkun hemm xi nuqqas fid-dawl jew ħsarat oħra li jistgħu jaffettwaw il-votazzjoni.

4.3 F'każ ta' diffikulta, il-kapijiet huma mitluba li jikkuntattjaw, fuq in-numri tat-telephone 25982254/25982773 jew email marvic.livori@gov.mt.

**Alfred Mallia**
**Direttur ta' l-Operat**

| |
|---|
| NAME OF SCHOOL |

| |
|---|
| DATE |

I, hereby, declare that today, the school keys listed below were handed over to the Malta Police Corp to be used in connection with the voting process for the Local Council Elections – March 2007, held at the above mentioned premises:-

| **KEYS** | **QTY** |
|---|---|
| Strong Room | |
| Classrooms (used for voting) | |
| Main door/s | |
| Boundary gates | |
| Cabinets/rooms for electricity & water main switches | |
| Sanitary facilities | |
| Others | |
| **Total** | |

| |
|---|
| Signature of Head of School |

| | |
|---|---|
| Signature of Receiving Officer | |
| ………. PC No. | ………………………………….. Full Name in block letters |

Tick as appropriate

| | |
|---|---|
| | Keys to be recollected from Police Station |
| | Keys to be handed to caretaker/watchman at the end of election process |

N.B. The original document is to be kept by the Head of School. A photostat copy is to be given to the Receiving Officer.

## RETURNS FOR OVERTIME WORK i/c/w LOCAL COUNCIL ELECTIONS – MARCH 2007

**FROM** : EDUCATIION DIVISION, FLORIANA
**TO:** ELECTORAL COMMISSIONER (ATTN: MR J. CALLEJA, SECRETARY), ELECTORAL OFFICE, VALLETTA.

| NAME | I.D.No. | TOTAL No. of HOURS | | *1 OVERTIME RATE | *2 TOTAL AMOUNT Lm | C | M | PAYLIST No. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | MON to SAT. | | | | | | |
| | | SUN. | | | | | | |
| | | MON to SAT. | | | | | | |
| | | SUN. | | | | | | |
| | | MON to SAT. | | | | | | |
| | | SUN. | | | | | | |
| | | MON to SAT. | | | | | | |
| | | SUN. | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| Name of School / Section | Signature of Head of School / Section | ***Certified correct***<br>*MS MARVIC LIVORI,* **LIAISON OFFICER** |

**RETURNS TO BE FILLED AND FORWRDED TO MS MARVIC LIVORI, ROOM 224, EDUCATION DIVISION, FLORIANA. AS EARLY AS POSSIBLE AFTER THE ELECTION DATE**

*1 **OVERTIME RATES FOR EACH PERSON MAY BE OBTAINED FROM THE SALARIES DEPT., GOZO ON TEL. NOS 21563239 / 21565986 / 21550103**

*2 **TOTAL AMOUNTS ARE TO BE CALCULATED BY MULTIPLYING THE RESPECTIVE OVERTIME RATES BY THE NUMBER OF HOURS WORKED.**

**ELEZZJONIJIET GĦALL-KUNSILLI LOKALI - 10 TA' MARZU 2007**

ĠBIR TAS-SETTIJIET TAT-TELEFON MILL-POSTIJIET TAL-VOTAZZJONI MILL-HADDIEMA TAL-MALTACOM

Jiena, li qed niffirma hawn taħt niddikjara li ġbart ______ sett/settijiet tat-telefon mill-iskola ______________________________________________.

DATA ______________________ ĦIN ________________________

FIRMA ______________________

NUMRU TAL-KARTA TA' L-IDENTITA ______________________

---

DIN IL-PARTI TIMTELA MILL-PERSUNA LI TAGHMEL IL-HANDOVER TAS-SETT/SETTIJIET TAT-TELEFON

ISEM U L-KUNJOM ______________________________

FIRMA __________________________

NUMRU TAL-KARTA TA' L-IDENTITA ___________________